# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 188/2000 PC**

**Richard u Georgina konjuġi Ellis**

**vs**

**John Vella u għal kull interess li jista' jkollha martu Helen Vella;**

**U b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2013, Citadel Insurance p.l.c ġew ammessi sabiex jintervjenu f'din il-kawża 'in statu et terminis'**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fis-sitta (6) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) waqt li l-attu kien qed isuq motor-cycle mit-Telgħa tal-Kastell, Vicotria, Għawdex, fid-direzzjoni ta' Pjazza Indipendenza ntlaqat minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAS-802 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' tas-soċjeta' G.V. Gozo Developments Limited li kienet qed tiġi misjuqa fl-istess direzzjoni;

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti ttajjar minn fuq il-vettura teigħu u sofra diversi feriti gravi u dan oltre l-ħsara fil-vettura msemmija;

Illi l-inċident awtomobilistiku msemmi ġara unikament ħtija tal-konvenut;

Illi wkoll immedjatament wara l-istess inċident il-konvenut niżel mill-vettura tiegħu u agredixxa lill-attur fiżikament bil-konsegwenza li aggrava l-feriti li kienu ġia ġew sofferti minnu;

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident u ta' l-aggressjoni sussegwenti l-attur sofra danni inġenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegħ futur minħabba debilitazzjoni fiżika permanenti;

Illi l-konvenuti minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta' l-atturi naqsu li jaddivjeu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-inċident stradali fuq imsemmi ġara konsegwenza ta' għemil doluż jew ħtija, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut fis-sewqan tiegħu;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident stradali;

3. Tillikwida wkoll id-danni sofferti mill-atturi minħabba l-aggressjoni sofferta mill-attur da parti tal-konvenut;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur l-ammontanti kollha tad-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita f'Settembru 1999 u tal-ittra uffiċċjali ppresentata kontestwalment ma din iċ-ċitazzjoni indirizzata lis-soċjeta' asskuratriċi.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata minn Richard Ellis.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inċident stradali *de quo* ġara unikament bi ħtija, traskuraġni, negliġenza imperizja u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-attur innifsu kif jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti ma kienx negliġenti u kien qed isuq b'mod regolari skond ir-regolamenti tat-traffiku u kif titlob il-liġi fi triq bħal dik fej ġara l-inċident u għalhekk ma hux responsabbli għall-inċident *de quo*;

3. Illi l-allegazzjoni premessa fiċ-ċitazzjoni odjerna illi l-konvenut niżel mill-vettura misjuqa minnu u aggredixxa lill-attur Richard Ellis hija għal kollox inveritiera u nfondata fil-fatt u fid-dritt; Għall-kuntrarju, il-konvenut John Vella niżel mill-vettura illi kien qed isuq unikament sabiex jagħti l-ewwel għajnuna lill-attur;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta li l-attur ġarrab xi danni għandu japplika l-prinċipju li *volenti non fit injuria* stante li l-inċident ġara unikament ħtija tiegħu peress ilil l-attur kien qed isuq il-mutur *de quo* mingħajr il-ħila neċessarja;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi l-eċċipjenti Helen Vella ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi u għalhekk għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inċident stradali *de quo* ġara unikament bi ħtija, traskuraġni, negliġenza imperizja u non-osservanzaq tar-regalment tat-traffiku da parti tal-attur innifsu kif jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

3. Illi mingħjar preġudizzju għas-suespost, il-konvenut John Vella ma kienx negliġenti u kien qed isuq b'mod regolari skond ir-regoalmenti tat-traffiku u kif titlob il-liġi fi triq bħaql dik fejn ġara l-inċident u għalhekk ma hux responsabbli għall-inċident *de quo*;

4. Illi l-allegazzjoni premessa fiċ-ċitazzjoni odjerna illi l-konvenut John Vella niżel mill-vettura misjuqa minnu u aggredixxa lill-attur Richard Ellis hija għal kollox inveritiera u nfondata fil-fatt u fid-dritt; Għall-kuntrarju, il-konvenut John Vella niżel mill-vettura illi kien qed isuq unikament sabiex jagħti l-ewwel għajnuna lill-attur;

5. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta li l-attur ġarrab xi danni għandu japplika l-prinċipju li *volenti non fit injuria* stante li l-inċident ġara unikament ħtija tiegħu peress ilil l-attur kien qed isuq il-mutur *de quo* mingħajr il-ħila neċessarja;

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Marzu 2007 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti sabiex jistabilixxi l-perċentwali ta' diżabilita' li jista' jkun qed isofri minnha l-attur Richard Ellis b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku ppresentat fit-2 ta' Mejju 2008.[1]

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Ottubu 2013 fejn awtorizzat lis-soċjeta' Citadel Insuance p.l.c biex tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-attur.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti, inkluż kopja tax-xhieda li nstemgħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja u Ġudikatura Kriminali fil-kawża: "Pulizija vs John Vella."

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi, in segwitu għal inċident stradali li fih l-attur korra serjament u qed ibati minn debilita' permanenti.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[2] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa.*[3]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:
"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo*

[1] Dan huwa kopja identika ta' rapport li l-istess espert kien ippresenta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li kien inħalef fit-28 ta' Ottubru 2009
[2] 44 Dig. Del leg. aquil.IX,2
[3] art.1033 Kap.16

*senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare.*"[4]

FATTI

Dan l-inċident seħħ fis-6 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) meta l-attur ittajjar minn fuq *motor cycle* żgħir tat-tip "Bop" u ħabat idu l-leminja mal-koxxa ta' bieb ta' garage fuq in-naħa tax-xellug tat-Telgħa tal-Kastell, ir-Rabat, Għawdex, huwa u nieżel minn din it-triq. Huwa jsostni li l-konvenut intenzjonalment baqa' dieħel ġo fih minn wara bil-karozza tiegħu, u dan għaliex kien irrabjat għalih billi ma kienx irnexxielu jżommu milli jkompli x-xogħolijiet fi proprjeta' tiegħu permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li kien għadu kemm instema' quddiem din il-Qorti. Il-konvenut għalkemm dejjem ċaħad li dan kien inċident volut, għall-ewwel ammetta li kien laqat il-mutur tal-attur, imma fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża beda jgħid li l-attur waqa' għax ma kienx jaf jikkontrolla l-mutur li kien riekeb minħabba inesperjenza tiegħu fis-sewqan ta' dak it-tip ta' mutur.

PROVI

Xhieda okulari tal-inċident *per se* ma kienx hemm, għax l-avukat dottor Martin Testaferrata Moroni Viani li wkoll kien għadu kemm niżel mill-Qorti, ra biss lill-attur fl-art u lill-konvenut imur jaggredieh.[5] Minn naħa l-oħra x-xhud l-ieħor Anthony Cauchi jgħid li ra lill-attur ixejjer daqqa ta' *crash helmet* fid-direzzjoni tal-konvenut wara li dan avviċinah hekk kif ġia kien fl-art.[6] Hija għalhekk ferm importanti l-verżjoni li taw il-partijiet involuti mmedjatament wara li seħħ dan l-inċident.

Lis-surġent Raymond Caruana li nvestiga l-każ, *a tempo vergine* l-attur qallu:

*"Whilst driving along Castlell Hill at a slow speed downhill all of a sudden a car hit my M/C from the rear and as I struggled to keep my balance I fell to the ground, and as I was on the ground the driver of the car a certain John Vella came on me and kicked me twice and started to challenge me to fight and as I was in pain I told him to leave me. Mr. Ellis also stated that a little while earlier he*

---

[4] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p.32-33

[5] Ara deposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Struttorja a fol. 67 – 71 tal-proċess

[6] Ara affidavit tiegħu a fol. 236 -237

*was involved in a civil case with Vella, and that Ellis had won the case and that he was suspecting that the said accident was intentionally made by Vella."* [7]

Il-konvenut da parti tiegħu spjega l-inċident bil-mod segwenti:

*"Whilst driving along Castell Hill at a slow speed a M/C which was in front of me stopped suddenly and although I applied the brakes and swerved to the left I still hit the said M/C. The driver kept moving on and fell to the ground further down the str. As I approached the driver to give him assistance, said driver refused my help and as I proceeded to call the Police and an ambulace further down the rd. I was blocked by an unknown person who told me to stop till the Police came to the scene."*[8]

Sew fil-kawża kriminali kif ukoll fl-affidavit tiegħu ppresentat f'din il-kawża, l-attur żamm ma' din il-verżjoni tal-fatti.[9] Fil-kawża kriminali l-konvenut, bejn wieħed u ieħor żamm ma' dak li kien qal lis-surġent li rrediġa l-okkorrenza, u reġa' tenna li:

*"…Jiena ghafast il-brake. Mill-ewwel pero', ilqatt daqsxejn, kemm kemm ilqattu. Malli lqattu nahseb li kellu l-gas f'idejh u gibdu u habat gol-hajt. Jiena dak il-hin inzilt u mort nigri fuqu biex nara xi gralu…"*[10]

Imma fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża beda jinsisti li ma kien laqtu xejn il-mutur, anzi kien il-mutur li għal xi raġuni qabad u waqaf fil-kantuniera u l-attur:

*"… billi ma kienx jaf isuqu hafna, kif reha, kif ghamel hekk u reha minn idejh, il-bob jahrab ghax dak x'hin taqbad, titlaq, ma jkunx li tista' taghmlu free…ma nafx x'waqaf jaghmel hemmhekk, insomma, dana rehhielu u harab, u …habat go l-hajt quddiemu..."* [11]

L-iskizz redatt mis-surġent Caruana jindika l-mutur tal-attur fl-art taħt il-bankina quddiem *garage,* u *brake marks* imħollija mill-vettura tal-konvenut ta' 4.9 metri u 5.3 metri ma' ġenb l-istess bankina, eżatt fejn tispiċċa din il-bankina u jibda' t-taraġ li kien jikkonduċi għall-entratura taċ-Ċittadella.[12]

---

7 Ara okkorrenza relattiva a fol. 352 tal-proċess
8 Ibid. a fol. 322-3
9 Ara xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Struttorja a fol. 72 tal-proċess u affidavit a fol. 181- 182
10 Ara xhieda tiegħu quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, a fol. 96 tal-proċess
11 Ara xhieda tiegħu a fol.228 -229 tal-proċess
12 Ara skizz a fol. 60 tal-proċess

RESPONSABILITA'

L-attur jikkontendi illi jaħti għal dan l-inċident il-konvenut talli volontajament laqat il-mutur tiegħu minn wara u tajru minn fuqu sakemm ħabat mal-ħajt fil-ġenb tat-triq u bl-impatt kiser idu l-leminija.

Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.[13] Din il-Qorti mhix daqstant konvinta li hemm provi suffiċjenti li dan kien att doluż, billi hemm biss il-provi tal-partijiet. Fi kwalunkwe każ pero' l-liġi tistipula li jaħti ta' għemil bħal dan anke kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.[14] Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal jirriżulta wkoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni.[15] Ta' dan in-nuqqas irid jagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż. [16]

Ġie affermat mill-qrati tagħna:

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuz illecitu;*
*(2) l-imputabbilita tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu;*
*(3) id-dannu ikkagunat minn dan l-istess fatt u*
*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun ghamlu."*[17]

Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.

In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "*hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza.*" (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).

In vista ta' dan, ma tħossx li tista' tiġi attribwita xi negligenza jew nuqqas ta' ħila fil-konfront tal-attur. Dak li allega l-konvenut dwar nuqqas ta' esperjenza fis-sewqan ta' dan it-tip ta' mutur mill-attur hija biss opinjoni tiegħu li ma ġiet ikkorroborata bl-ebda mod mill-fatti. Mhux l-istess pero'

[13] Art.1031 Kodiċi Ċivili
[14] Art.1032(1) ibid.
[15] Art.1033 ibid.
[16] Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri: P.A. 3.10.2003
[17] Agius vs Busuttil: Appell:14.12.1982

fir-rigward tal-konvenut. Huwa magħruf biżżejjed li ġeneralment hemm presunzjoni ta' ħtija f'min joltoq bil-vettura tiegħu xi vettura oħra li tkun għaddejja fit-triq quddiemu. Dan għaliex kif ġie ribadit mill-qrati tagħna, sewwieq ta' vettura li tkun qed issegwi oħra għandha tħalli spazju biżżejjed bejn iż-żewġ vetturi biex taħseb għall-esiġenzi ordinarji tat-traffiku.[18] Is-sewwieq tal-vettura ta' wara għandu jeżerċita grad ogħla ta' attenzjoni minn dak tal-vettura ta' quddiemu.[19]

Kif imfisser minn Lord Copper fil-kawża: **Brown and Lynn v Western Scottish Motor Traction Co. Ltd**.:

"*The distance which should separate two vehicles travelling one behind the other must depend upon many variable factors – their speed, the nature of the locality, the other traffic present or to be expected, the opportunity available to the following driver of commanding a view ahead of the leading vehicle, the distance within which the following vehicle can be pulled up, and many other things. The following driver is, in my view, bound, so far as reasonably possible, to take up such a position and to drive in such a fashion, as will enable him to deal successfully with all traffic exigencies reasonably to be anticipated: but whether he has fulfilled this duty must in every case be a question of fact whether, on any emergency disclosing itself, the following driver acted with alertness, skill and judgement reasonably to be expected in the circumstances*."[20]

Fil-każ in eżami, naraw mill-iskizz tal-inċident esebit fl-atti,[21] li s-sett qasir ta' *brakemarks* imħollija mill-karozza tal-konvenut jindikaw (i) li kien hemm distanza piuttost qasira bejn iż-żewġ vetturi u (ii) li l-konvenut kien għaddej b'ċerta veloċita' xejn konsiljabbli f'niżla wieqfa bħal ma' hi dik fejn seħħ dan l-inċident. Dan iwassal għall-konklużjoni li, anke jekk tiġi emnuta l-verżjoni tal-konvenut li l-attur għal xi raġuni jew oħra waqaf ħesrem f'nofs it-triq, ħaġa li ma ġietx ippruvata, l-konvenut minħabba dawn in-nuqqasijiet tiegħu, sab ruħu fl-impossibilita'li jevita l-ħabta, u nfatti laqat il-mutur tal-attur, bil-konsegwenzi msemmija.

F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident taħti unikament il-konvenut.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni,

---

[18] App.Krim. Pulizija vs V. Sammut: 4.06.1960
[19] P.A. Borg vs Iles: 30.04.1973
[20] (1945 SC, Ct. Sess.) riportata fil-Binghim's Motor Claims Cases 8th ed. (1980) Pag. 62
[21] A fol. 60 tal-proċess

għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[22] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[23]

Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

A tenur tal-artikolu msemmi, il-ħsara li persuna rsponsabbli għandha twieġeb għaliha taħt dan l-aspett hija:

(i) t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara;

(ii) l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara; u

(iii) it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali.

Dwar (i) : Dak iż-żmien li seħħ l-inċident mertu tal-kawża l-attur kellu l-vettura tiegħu '*impressed*' mal-Water Services Corporation. Jgħid li din ma kelliex *power steering*, u għalhekk meta reġa' rritorna għax-xogħol, u peress li ma setgħax ikompli jsuqha minħabba d-debilita' f'idu, kellu jibdilha ma' oħra b'din il-faċilita', u nkorra spejjeż żejda f'dan ir-rigward. Imma dwar din l-ispiża ma ġab ebda provi.

Dwar (ii) : Ma jidher li jista' jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ispejjeż reklamati mill-attur għall-kura li kienet meħtieġa biex jiddewwa sew f'Malta kif ukoll fl-Ingilterra, liema spejjeż huma kompatibbli mal-feriti li ġarrab. Kif jirriżulta mir-rapport tal-espert mediku,[24] l-attur, apparti ksur f'idu l-leminija kellu wkoll qtugħ tan-nervaturi fl-istess id, li kienu jinneċessitaw kura speċjalizzata li ma kenitx tingħata Malta. Fl-affidavit tiegħu[25] l-attur jgħid li kellu appuntament l-Ingilterra fit-13 ta'

[22] Savona vs Asphar: Appell:23.6.1952
[23] Carmelo Fenech vs Antonio Galea;vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech;vol.XLII.II.1019
[24] A fol. 36 - 41 tal-process
[25] A fol. 181 -187 tal-process

Ġunju 1999 bi tħejjija għall-operazzjoni meħtieġa.[26] Il-Gvern ta' Malta ħallaslu l-ispejjeż tiegħu tal-vjaġġ in konnessjoni mal-operazzjoni fl-Ingilterra. Pero' huwa kellu jħallas minn butu għall-ispejjeż tal-vjaġġ ta' martu li neċessarjament akkumpanjatu f'dak il-vjaġġ billi ma setax iġorr valiġġi, u għall-vjaġġi l-oħra kollha konnessi mal-visti li riedu jsirulu mill-ispeċjalisti hemmhekk in segwitu għall-operazzjoni. F'dan ir-rigward l-attur qed jirreklama s-somma ta' Lm2000, li fi flus korrenti jġibu €4586. Mhux jitlob kumpens għall-akkomodazzjoni, billi kemm dam l-Ingilterrra l-attur kien joqgħod mal-ġenituri tiegħu li kienu jirrisjedu hemmhekk. Hemm ukoll Lm40 (€91.72) spejjeż ta' visti lill-kirurgu Mr. Raymond Aquilina.[27] M'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn m'għandhomx ikunu ripetibbli, għalhekk: **€4677.72ċ.**

Dwar (iii): Kif ingħad, dik il-ħabta li seħħ dan l-inċident, l-attur kellu l-vettura tiegħu '*impressed*' ma' korporazzjoni governattiva. Fl-affidavit tiegħu jispjega kif ma setgħax jattendi għax-xogħol biex isuq din il-vettura għal sitt xhur sħaħ. Tul dan il-perijdou kellu jqabbad lil ħaddiehor isuqielhu, u għalhekk il-ħlas li kien idaħħal kien jgħaddih lil din il-persuna b'telf personali ta' **€3923.70ċ**.[28]

L-attur jippretendi kumpens ukoll talli kemm dam indispost ma setax jieħu ħsieb in-negozju li missieru kellu f'Għawdex. Dan kien jikkonsisti fil-ġestjoni ta' ħanut tal-*household appliances* fir-Rabat u l-kiri ta' akkomodazzjoni turistika f'Marsalforn u x-Xlendi. Ġialadarba ma jirriżultax li l-attur kien qed jagħmel xi qliegħ jew kellu xi dħul mill-għajnuna li kien qed jagħti lill-missieru f'dan ir-rigward, mhux il-każ li jiġi likwidat xi kumpens għal dan il-fini.

**Lucrum Cessan**s: Dawn id-danni huma kontemplati wkoll fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, u jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ li tbati l-vittma 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li l-egħmil doluż jew kopluż seta' jġib. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v.Heard'*.[29] Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

[26] Ara Dok. S 1 a fol. 188
[27] Dok.S 5 a fol. 204
[2828] Mid-dok.S6 a fol. 205 tal-proċess jirriżulta li fis-sena 1998 l-attur daħħal Lm3368 in konnessjoni ma' dan ix-xogħol
[29] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[30]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjaħ il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.[31]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu ħamsa u tletin (35) sena meta seħ l-inċident mertu tal-kawża.[32] Huwa ġie ċertifikat mill-espert mediku nominat mill-Qorti li jbati minn debilita' permanenti fil-grad ta' sitta u għoxrin fil-mija (26%).[33] Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Imma skont formula applikata anke mill-Qorti tal-Appell għal dan il-fini f'dawn l-aħħar snin, għandu jiġi konsidrat *multiplier* ta' tnejn u għoxin (22) sena.[34]

Mill-kopja tal-formula tat-taxxa għas-sena bażi 1998 esebita mill-attur, jirriżulta li f'dik is-sena dan kellu dħul ta' Lm3368.[35] Billi kuntratt ta' vettura '*impressed*' mal-Gvern huwa ta' natura temporanja, bla ebda garanzija li ser jiġġedded wara li jiskadi t-terminu miftiehem, u l-attur ma jirriżulta li għandu ebda kwalifika professjonali jew teknika, huwa l-każ li hawn tittieħed bħala bażi l-paga minima nazzjonali. Skont ġurisprudenza kostanti trid tittieħed in konsiderazzjoni x'kienet din il-paga meta seħħ l-inċident in kwistjoni. Fis-sena 1998, din kienet €106.29 fil-ġimgħa,[36] li jġibu €5527.09ċ fis-sena.

---

30 Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et :Appell: 20.7.1994
31 Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003
32 Għandu Karta tal-Identita bin-numru: 38763G (ara rapport mediku a fol. 36 tal-proċess)
33 Ara rapport mediku ta' Mr. Charles Grixti a fol. 36 - 41 tal-proċess
34 Darren Sammut vs Eric Zammit: 3.12.2004; ara wkoll P.A. Emmeline Cini vs Antoine Cachia: 18.02.2013
35 Ara kopja ta' din il-fomula esebita bħala Dok.S 6 a fol. 205
36 Ara SL452.71 – National Minimum Wage Standard Order

Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €5527.09ċ (paga bażi) x 22 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 26% (debilita'permanenti) x 120% għar-rata ta' inflazzjoni = **€37,937.94ċ**. Normalment jitnaqqas is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment,* pero' tenut kont id-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, bl-ebda ħtija tal-atturi,[37] hija l-fehma ta' din il-Qorti li issa m'għandu jinqata' xejn mis-somma dovuta għal dan il-fini.

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta Helen Vella tikkontendi li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-ossevanza tal-ġudizzju. Imma l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti:

"kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda."

Għalhekk gialdarba gie deciz li dan l-inċident kien wiehed kolpuz, id-danni konsegwenzjali huma piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg konvenuti.

RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli u likwidat in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Damnum emergens: | € 4,677.72ċ + |
| | | € 3,923.70ċ |
| 2. | Lucrum Cessans: | €37,937.94ċ |
| - | **Total ta:** | **€46,539.36ċ** |

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-inċident stradali tas-6 ta' Novembru 1998 li fih safa' korrut l-attur, ġara konsegwenza ta' imperizja, traskuraġini u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

[37] Raġuni ewlenija kienet il-kawża kriminali kontra l-konvenut li kienet qed tinstema' kontestwalment ma' din il-kawża

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident stradali fis-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija disgħa u tletin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€46,539.36ċ);

3. Tiċħad it-tielet talba billi ma rriżultax li hu il-każ; u

4. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta f'Settembru 1999 u dik ippresentata kontestwalment mal-kawża u ndirizzata lis-soċjeta' assikuratriċi tal-konvenut, kontra l-istess konvenuti.

L-ispejjeż tas-soċjeta' ntervenuta fil-kawża jibqgħu a karigu tagħha.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

27.09.2016 – Ċit188.2000 – Ellis Richard et vs Vella John et
3824